

## Domanda preliminari

Dispożizzjoni tad-dritt Portuġiż, li tirrikjedi li l-kumpens jitnaqqas fi proporjon mat-tort taż-żewġ partijet fl-inċident inkwistjoni, li seħħ f'Novembru 2006 bejn rota u vettura għall-passiġġieri b'assurazzjoni obbligatorja ta' vettura b'mutur, hija konsistenti mad-dritt Komunitarju, anki jekk iċ-ċiklist kellu anqas minn 20 % tat-tort?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (il-Belġju) fil-11 ta' Lulju 2011 — Déborah Prete vs Office national de l'emploi**

(Kawża C-367/11)

(2011/C 282/19)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

## Qorti tar-rinviju

Cour de cassation

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal de Pequena Instância Cível de Lisboa (il-Portugal) fit-8 ta' Lulju 2011 — João Nuno Esteves Coelho dos Santos vs TAP Portugal**

(Kawża C-365/11)

(2011/C 282/18)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

## Qorti tar-rinviju

Tribunal de Pequena Instância Cível de Lisboa

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: João Nuno Esteves Coelho dos Santos

Konvenuta: TAP Portugal

## Domanda preliminari

L-Artikoli 5, 6 u 7 tar-Regolament Nru 261/2004, li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Novembru 2009 Sturgeon et (C-402/07 u C-432/07, ġabru p. I-10923), interpretat fis-sens li l-passiġġieri ta' titjuriet imdewma jistgħu jiġu assimilati mal-passiġġieri ta' titjuriet ikkanċellati għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dritt għal kumpens meta huma jsorfu, minħabba t-titjira mdewma, telf ta' ħin ta' tliet sīghat jew iktar, għandhom jiġu interpretati bl-istess mod fil-każ fejn titjira, li telqet fil-ħin mill-ajruport tat-tluq, kienet suġġetta għal dewmien ta' tliet sīghat u ħamsa u ħamsin minuta fl-ajruport tal-waqfa (stop-over) minħabba li l-kumpannija tal-ajruport, għal raġunijiet operattivi, iddeċiediet li tibdel l-ajruplani, u li l-ajruplan sostitut, li kien digħi bil-ħsara qabel il-waqfa (stop-over), kellu jkun is-suġġett ta' intervent tekniku, b'mod li t-titjira inkwistjoni spiċċat waslet fl-ajruport tad-destinazzjoni bl-istess dewmien ta' tliet sīghat u ħamsa u ħamsin minuta?

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Déborah Prete

Konvenut: Office national de l'emploi

## Domandi preliminari

(1) L-Artikoli 12, 17, 18, u sa fejn huwa neċċessarju, 39 tat-Trattat li Jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, fil-verżjoni kkonsolidata f'Amsterdam fit-2 ta' Ottubru 1997, jipprekludu dispożizzjoni ta' liġi nazzjonali li, bħall-inċiż (j) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 36(1) tad-deċiżjoni rjali Belġjana tal-25 ta' Novembru 1991 dwar ir-regolazzjoni tal-qagħhad, tissuġġetta d-dritt għall-allowances ta' stennija ta' żagħżugħ, ċittadin tal-Unjoni Ewropea, li ma jkollux il-kwalità ta' ħaddiem fis-sens tal-Artikolu 39 tat-Trattat, li jkun wettaq l-istudji sekondarji fl-Unjoni Ewropea imma mhux fi stabbiliment ta' tagħlim organizzat, iffinanzjat jew irrikonnoxxut minn wieħed mill-komunitajiet tal-Belġju u li jkun kiseb jew ċertifikat maħruġ minn waħda minn dawn il-komunitajiet li jistabbilixxi l-ekwivalenza ta' dawn l-istudji għal ċertifikat ta' studji, maħruġ mill-bord kompetenti ta' waħda minn dawn il-komunitajiet għall-istudji mwettqa f'dawn l-istabbilimenti ta' tagħlim Belġjani, jew ċertifikat li jagħti aċċess għall-edukazzjoni oħla, għall-kundizzjoni li dan iż-żagħżugħ qabel ikun segwa sitt snin ta' studji fi stabbiliment ta' tagħlim organizzat, iffinanzjat jew irrikonnoxxut minn wieħed mill-komunitajiet tal-Belġju, jekk din il-kundizzjoni tkun eskużiva u assoluta?

(2) Fil-każ li dan huwa minnu, iċ-ċirkustanzi li ż-żagħżugħ imsemmi fl-ewwel domanda, li ma jkun segwa sitt snin ta' studji fi stabbiliment ta' tagħlim Belġjan, ikun jirrisjedi fil-Belġju mal-konjuġi Belġjana tiegħu u jkun irregistraz bħala persuna li tfitteż ix-xogħol ma' dipartiment Belġjan tal-impjieg, jikkostitwixxu elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata r-rabta taż-żagħżugħ mas-suq tax-xogħol Belġjan, fid-dawl tal-Artikoli 12, 17, 18 u, jekk ikun il-każ, 39 tat-Trattat? Sa fejn għandu jittieħed inkunsiderazzjoni t-tul ta' dawn il-perijodi ta' residenza, ta' żwieġ u ta' reġistrazzjoni bħala persuna li tfitteż ix-xogħol?